MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2006

Numru. 209/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Maurice Curmi**
v

**PAUL ZAMMIT**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **PAUL ZAMMIT** bin Bernard u Elizabeth nee Axiak, imwieled nhar t-tlieta ta' Ottubru 1983 u residenti "Madonna ta' Pinu", Triq Gedrin, Rabat, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 9984G, gie mressaq quddiemha akkuzat talli fis-sbatax ta' Marzu 2004, ghal habta tas-sitta neqsin kwart ta' filghaxija, waqt li kien isuq il-mutur tieghu tal-ghamla Yamaha, bin-numru ta' registrazzjoni FBA 474 fid-direzzjoni tal-Munxar, fi Triq Santa Duminka, Rabat, Ghawdex;

1. Saq l-imsemmi mutur b'velocita eccessiva;
2. talli saq l-imsemmi mutur b'maniera traskurata u perikoluza;

3. talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, habat ma vettura bin-numru ta' registrazzjoni JAR 468 w involuntarjament kkagunalha hsarat ghad-dannu ta' Joseph Mifsud.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tissospendi l-licenzja tas-sewqan lil imputat ghal perjodu ta' zmien li l-istess Qorti jidhrilha xieraq.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti kollha esibiti.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u cioe lil PS 755 Frank Gauci, lil Mary Galea, lil Joseph Mifsud u lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju.

Ikkunsidrat:

Illi **PS 755 Frank Gauci** qal li huwa mar fuq il-lok tal-incident ftit wara li sehh sabiex jinvestiga l-kaz w is-sewwieq tal-mutur cioe l-imputat odjern, kien diga ttiehed l-isptar. Irrizulta pero li Joseph Mifsud kien hiereg minn triq sekondarja u cioe minn Triq Cetta Mintoff ghal fuq triq principali u cioe Triq Santa Duminka, fejn kien qed isuq l-imputat u spiccaw mahbuta f'xulxin. Stqarr li minn fejn hareg Joseph Mifsud kien hemm *stop sign* u l-imputat kellu r-*right of way* b'vizjoni cara tat-triq.

Spjega li l-incident sehh fuq il-karraggjata tat-triq principali. Ix-xhud spjega li Joseph Mifsud qallu li kellu johrog minn fuq l-*istop sign* ghaliex il-vizwali tieghu kienet ostakolata minhabba li fuq il-lemin tieghu kien hemm vetturi pparkjati.

Illi **Mary Galea** fix-xhieda taghha stqarret li hi rat lil Joseph Mifsud diehel fl-imputat wara li kien wieqaf fuq l-*istop sign*. Ikkonfermat li fuq il-lemin ta' Jioseph Mifsud fi Triq Santa

Duminka, minn fejn kien ghaddej l-imputat kien hemm vettura li kienet tostakola l-vizjoni ta’ Joseph Mifsud.

Illi **Joseph Mifsud** fix-xhieda tieghu qal li hu waqaf fuq l-*istop sign*, imbaghad hareg ‘l barra fi Triq Santa Duminka ghaliex ma setghax jara l-vetturi gejjin mill-lemin tieghu u spicca habat fl-imputat.

Illi **l-imputat** fix-xhieda tieghu qal li hu kien ghaddej minn triq principali meta fid-daqqa w il-hin w ghall-gharrieda, hareg l-imputat minn triq sekondarja fuq il-xellug tieghu. Qal li hu pprova jiskapulah billi dawwar lejn il-lemin tieghu pero dan nonostante, Joseph Mifsud baqa diehel fih.

Il-Qorti fid-dawl tas-suespost tiddikjara li l-imputat kellu r-*right of way* u li l-incident awtomobilistiku sehh tort uniku ta’ Joseph Mifsud.

**Ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65, l-artikolu 328(d0 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-MVR 27(1)(A) u l-Avviz Legali 128 tas-sena 1994 tiddikjara li ma ssibx lil imputat PAUL ZAMMIT hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu peress li ma gewx ippruvati u tilliberah minnhom.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------